L-GHID TA' L-ASSUNTA

Harga Specjali ta' Darba f'Sena. Mahrug mill-Mons. Carmelo Sciclunaf (15 ta' Awissu, 1966.)

IL-KWADRU TA' l-ASSUNTA FIL-KATTIDRAL T'GHAWDEX

minn George Scicluna

Fl-19 t'Ottubru, 1794, gewwa l-Knisja Matrici ta' Ghawdex, illum Kattidral, sar zwieg bejn Michele Busuttil u xebba Ghawdxija, Marija Bonavar. L-gharus frisk kellu x-xorti jtejjeg quddiem dak l-istess kwadru titulari li hu stess pitter tliet snin qabel.

Kienu ghaddew hamsa u sebghin sena minn meta l-Knisja Matrici, imtella mill-gdid fuq id-disinn ta' l-arkitett taghkom Lorenzo Gafà, giet ikkonsagrata. Sa dak iz-zmien il-kwadru titulari maghmul minn seba' benjjet fuq l-injam, kien ghadu l-istess wiehed tal-knisja l-qadima li sal-lum ghadu merfugh vicin qrib is-sagrestija tal-knisja.

Kien xieraq li l-Knisja Matrici jkollha kwadru sbih, minn id tajba, li jirrappreżenta t-Tlugh is-Sema tal-Madonna, li ghalih giet iddedikata l-knisja. Fit snin qabel ma tpitter il-kwadru, il-pittur Michele Busuttil gie moghti l-kummissjoni fi zmien l-Arcipriet Dottor Saverio Cassar u, meta tlesta fl-1791, il-Penitenzier Kanoniku Dottor Benedetto Stefani, li tieghu naraw l-arma taht fl-istess tal-kwadru, hallas ghalih u ghall-ihama ta' madwaru.

Min kien il-pittur Michele Busuttil? Sa dak iz-zmien ma nsibu ebda mkel tieghu f'Ghawdex, ghalkemm illum dawk li jigu minnu huma bosta. Insibu rregistrat fl-att taz-zwieg tieghu li Michele kien iben Clemenzo Busuttil u Ro-

(Ikompli pagna 7)

Ittra li l-Qdusija Tieghu l-Papa Piju IX kien baghat lill-Ewwel Isqof t'Ghawdex Mons. Mikiel F. Buttigieg li f'din is-sena jaghlaq Mitt Sena li ilu mejjet.

PAPA PIJU IX

Lill-wieq meqjum huna, sahha, u barka appostolika

"Fil-waqt li nafu tajjeb li huwa ta' gid kbir ghall-Knisja, li l-Isqfijiet ikunu jafu mill-qrib b'kull nuqqas biex b'hekk iriegu l-merhla taghhom kollha b'mod li ma jkun hemm l-ebda htiega ghan-nghgiet taghhom li ma jkunux jafu biha jew jkunu jistghu jeharu hsiebha malajr, ahna azzardajna nimxu fuq l-ator tal-passi tal-Predecessuri ta' qabilna, li ghal din ir-raguni kellhom jid-drawwa li jhazza u fruf precizi ghad-Djocesijiet li jkunu iwasgtu u li jagħtu bwedja episkopali lill-bliet principali kollha. Ghalhekk lil minn qabilna ahna

waqqafna din id-Djocesi fil-Gzira ta' Ghawdex hekk ikoll ahna dejjem lesti biex naghmlu l-hwejjeg ohra (tad-dinja) fejn naraw li jkun ta' gid ghall-poplu nisrani u li c-cirkostanzi hekk ikunu jehtiegu. Ahna nsakkru bil-ferh, ghax nittamaw li din id-Djocesi kienet ta' fejda ghal dan il-poplu billi fejqet il-gtieli ta' bosta qlub, rabtet l-irbit ta' l-imhabba ahwija, mexxiet 'il quddiem it-taghlim tar-Re-

(Ikompli pagna 8)

BIL-LATIN:

PIUS PP. IX

Venerabilis Frater salutem et Apostolicam Benedictionem

Cum sciamus, e re esse Ecclesiae, ut praecipui Pastores omnia cominus conspicere et ita gregem suum universum moderari valeant, ut nulla sit singularum ovium necessitas, quae ipsis lateat, et cui consulere facile nequeant; Decessorum Nostrorum vestigia calcare nitimur, qui arctiores idcirco fines Dioecesibus constituere, et praecipuas quasque urbes episcopali sede insignire consueverant. Hinc ultro Gaudisiensem istam Cathedram ereximus, idem libentissime facturi alibi, quoties id et christiani populi utilitas postulare, et propitia adjuncta suadere videantur. Summopere autem gaudemus, provisionem hanc Nostram benevertisse veluti sperabamus huic populo, submovisse omnes animorum aegritudines, arctasse caritatis vincula, promovisse religionis studium, animosque impensiore dilectione devinxisse huic unitatis Centro. Quae sane non a litteris Tuis dumtaxat, bene vere et a legatis didicimus creditae Tibi Dioecesis, quibus paterna caritate bene precati sumus, et a muneribus ac stipe, quibus hic populus gratum animum summa Nobis ferunt hujusmodi significationes amoris et obsequii: et dum

(Ikompli pagna 8)

L-ISQOF GUZEPPI PACE U L-KATTIDRAL T'GHAWDEX

L-Isqof Guzeppi Pace huwa marbut mal-Knisja Kattidrali tieghu b'rabta ta' ohla mhabba. Biex jaghti prova ta' din il-verita' l-Isqof Pace:

a) Laqa' bil-ferh l-istarwa grandjuza li s-Socjeta' Filarmonika "Leone" irregalat lill-Knisja Kattidrali tieghu;

b) Ta l-permess li l-purcissjoni ta' S. Marija tibda ssir fil-ghaxija biex ikabbar il-festa taghha;

c) Ordna li kull fil-ghaxija jinghad ir-Ruzarju u tinghata l-Barka Sagramentali fil-Knisja Kattidrali;

d) Ried li terga' tibda ssir l-Ewwel Tqarbina u l-Grizma ta' l-Isqof lit-tfal fil-Knisja Kattidrali;

e) Waqqaf il-Fratellanza ta' Santa Marija;

f) Ghamel il-paviment tal-Kappella tas-Sagrament bl-irham.

IL-FESTA STORIKA U NAZZJONALI TA' SANTA MARIJA

(Mill-Kav. Koli Apap)

Il-festa ta' Santa Marija waslet. L-Għid ta' l-Assunzjoni ta' Ommna Marija Santissima jinsab magħna. Għawdex b'mod speċjali l-Belt Vittorja jinsabu ferreħija lebsin il-libsa tal-festa.

It-tradizzjonijiet qodma u għeżież imnissla minn Missirijietna jinsabu mill-ġdid jabbkmu u jsaltnu fil-gżira ta' Kalipso. Il-festa storika u Nazzjonali t'Għawdex li jinsabu ġrajjiet kbar u qodma marbuta magħha, l-għaxqa sa minn dejjem ta' l-ulied ta' din il-gżira għal darb'oħra tul il-milja taż-żmien teġġet mill-ġdid fostna.

Iva l-festa ta' Santa Marija f'Għawdex hija festa storika u Nazzjonali u preċiżament l-għan tiegħi li qbadt bejn idejja l-pinna f'din l-okkażżjoni mhux għajr dak li nħażżeż xi ħaġa sabiex inwettaq dan, meta jiena u l-Għawdxin ħuti qegħdin nifiestiġġjaw l-Assunzjoni ta' Marija bl-akbar qima u solennità.

Mingħajr ebda dubju waħda mill-aqwa f e s t i popolari li għandna f'din il-gżira kif l-istess fil-gżira oħtna tewmija — Malta, hija l-festa ta' Santa Marija f'Għawdex li tinsab wisq magħrufa fost il-Għawdxin u l-Maltin.

Sabiex nippruvaw il-popolarità ta' din il-festa għandna f'idejna diversi provi sew qodma u kemm ta' l-aħħar snin. Forsi mhux minn dejjem għad kbir ta' Maltin jiġu Għawdex għall-festa ta' Santa Marija? Għawdex nhar Santa Marija jkun fgat b'nies minn Malta. Min jaf kemm nies ta' kull sena jiġu f'din il-gżira għal din l-okkażjoni mbagħad ħafna tal-folol kbar ma jsibux fejn joqogħdu rashom u għalhekk jeħtiġilhom ta' bilfors jistrieħu barra t-triq, fuq xi bank ta' xi pjazza, jew fit-taraġ tal-Gran Kastell jew tal-Kattidral.

F'Santa Marija tant jiġu nies minn Malta li f'ċertu snin meta t-trasport bejn dawn iż-żewġ gżejjer kien fqir ħafna, id-dgħajjes li kienu jġorru n-nies mill-Port il-Kbir f'kull vjaġġ kienu jkunu ppakkjati bil-passiġġieri u ħafna ma kienux jirnexxilhom jiġu Għawdex. Darba gara li tant ġew nies minn Malta għal Santa Marija li naqas il-ħobż u għalhekk ħafna kellhom iġarrbu xi tbatijiet.

In-nies li ġew fis-sena 1913 kien rekord u dik inhar inżertat li għall-festa żżanżan l-Innu ġdid ta' Santa Marija miktub mill-Prof. R. Barbaro u mużikat mis-Surmast O. Crescimanno għall-banda ċittadina "Leone." Imbagħad x'ingħidu għall-popolarità ta' Santa Marija fost l-Għawdxin?

Santa Marija hija l-festa tal-poplu, il-festa f'Għawdex kollu, il-festa ta' kulħadd tal-Belt Vittorja u ta' l-irħula għax hi festa tradizzjonali, storika u Nazzjonali.

Imbagħad fost kollox f'Santa Marija tassew ikun hawn x'wieħed jara fil-Belt Vittorja (Rabat) għax l-attivitajiet huma differenti minn festi oħra taqta' barra d-daqq tal-baned, il-mixgħela u l-lizjin li jsiru f'festi oħra wkoll. Qiegħed nitkellem mill-funzjonijiet straordinarji li jsiru fil-Knisja Kattidrali, il-Wirja Agrarja-Industrijali u t-tiġrija tradizzjonali li hi biżżejjed magħrufa.

Il-bdiewa Għawdxin li huma l-maġġoranza tal-popolazzjoni Għawdxija tant għandhom u kellhom sa minn dejjem marbuta ma' qalbhom il-festa ta' Santa Marija li kollha jħallsu l-qbiela tar-raba' u proprjetà oħra f'dan il-jum tal-15 ta' Awissu għax dik inhar huma żgur li jeħorġu għax tkun festa kbira.

Magħduda mal-festi ta' ġewwa l-knisja li jsiru b'pompa u solennità kif inhu xieraq lit-Tempju Kattidrali tagħna mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan flimkien mal-Kapitlu ta' l-istess knisja ewlenija tagħna, tkabbar il-festa ta' Santa Marija l-Wirja Agrarja-Industrijali li t i u m qegħda tinżamm fil-Villa Rundle.

L-isbaħ ta' din il-Wirja jkun nhar Santa Marija meta l-Gvernatur jiġi minn Malta apposta u jqassam il-premjijiet lir-rebbieħa. F'xi każi l-gvernaturi kienu jiġu f'din il-gżira sa minn lejlet il-festa ta' Santa Marija bħalma sar fis-sena 1911 meta lejlet Jum l-Assunzjoni l-gvernatur tela' l-Kattidral sabiex jattendi għat-Transulazzjoni u għall-Vespri u wara mar iqassam il-premjijiet tal-Wirja Agrarja-Industrijali li d a k iż-żmien kienet issir fl-Iskola tal-Gvern ta' Triq Vajringa r-Rabat.

Ngħidu issa xi ħaġa dwar it-tiġrija storika tal-bhejjem li ssir nhar Santa Marija, u li dejjem ġibdet ħlejjaq kbar ta' nies. Din it-tiġrija ilha ssejjer minn żmien il-Gran Mastri għax anki fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann f'din il-gżira kien hawn ġibda kbira lejn il-festa titulari tal-Matriċi issa Kattidrali. Il-Gvernatur ta' Għawdex, il-Ġurati, in-nies ta' l-Università Għawdxija kollha kienu jieħdu sehem għall-funzjonijiet ta' Santa Marija għal il-Knisja ta' l-Assunta għal Kavallieri u n-nies ta' l-Ordni kien l-istess bħal San Ġwann tal-Belt Valletta għall-Gran Mastru u n-nies tagħhom sarzjonati f'Malta.

Ta' dawn għandna ħafna wirt f'din il-gżira u wkoll f'Santa Marija kienu jiġu sparati tir ta' masklu mill-Gran Kastell lejlet u n h a r Santa Marija. Minn żmien il-Kavallieri wkoll bdew jinħarġu xi flus għat-tiġrija ta' nhar Santa Marija.

Kollox ma' kollox il-festa ta' Santa Marija f'Għawdex hija festa kbira, pompuża, solenni famuża, sabieħa u fost kollox storika, tradizzjonali u Nazzjonali u kompliet tikber fis-sena 1848 meta l-Isqof Sant iddikjara lil Marija Assunta "Patruna ewlenija tal-gżejjer tagħna" u wara kompliet xegħlet meta l-festi esterni ġew imwaqqfa fis-sena 1897 mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u Ċivili f'idejn il-Għaqda Mużikali "Leone." Paġna oħra glorjuża hija dik ta' meta l-banda "Leone" inteġalat il-ġawhra ta' statwa tagħha ta' l-Assunta lill-Knisja Kattidrali biex b'hekk kompliet tikber il-festa ta' Santa Marija.

L-ISTATWA TA' L-ASSUNTA MEQJUMA FIL-KATTIDRAL T'GĦAWDEX.

SPRITEX

L-ahjar

Insect-Killer

u jaghmel

id-dar tfuh

BROOKLAX

The British Chocolate Laxative

Ends constipation overnight

DAPTA 12

QTAR TAL-VITAMINI

Għat-Trabi li ma humiex qegħdin fuq S.M.A.

S. M. A.

L-aħjar ħalib għat-trabi mimli bil-vitamini.

Mingħand kull spiżjar

Il-ĦAJJA PASTORALI fil-KATTIDRAL T'GĦAWDEX

Il-Patri Dumnikan Ives Congar fil-ktieb tiegħu: "Mission de la Paroisse", għidilna li l-parroċċa suppost li hi kommunità ta' nies li għandhom l-istess ideal nisrani, l-istess fidi u twemmin u li għandhom dabirku biex jarawh jiżdied, jikber u jitħeġġeġ". Ma nistgħux ngħidu li l-fidili kollha tal-Knisja Kattidrali ma huma x jistinkew biex dejjem aktar il-ħajja pastorali twarrad fil-parroċċa tagħhom. U għalhekk il-priedki li kienu jsiru fil-Ħdud ta' l-Avvent u tar-Randan filgħodu minn xi snin 'l hawn bdew isiru fil għaxija x'ħin in-nies tkun tista' tigi l-Knisja għax l-importanti hu li l-messaġġ ta' Kristu jasal għand in-nies u mhux li s-saċerdoti jagħmluh. Din is-sena l-Kwareżimalista kien il-Wisq Rev. Patri Salv Portelli, Pirjol tal-Patrijiet Agostinjani li bil-kelma deċiżiva tiegħu għamel ħafna ġid fl-erwieħ li semgħuh.

KONFERENZI FUQ ID-DIGRIET TAL-KONĊILJU VATIKAN IT-TIENI

Lejlet l-għeluq tal-Konċilju Ekumeniku Vat. II, fis-7 ta' Diċembru 1965, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI, bil-Kostituzzjoni Apostolika "Mirificus Eventus", għogbu jippublika Ġublew Straordinarju, jiġifieri indulġenza plenarja straordinarja li ddum mill-ewwel ta' Jannar sal-8 ta' Diċembru 1966. Wieħed jista' jikseb dan il-Ġublew kull darba li jassisti għal tliet istruzzjonijiet fuq id-digrieti tal-Konċilju Vat. II. Għal dan l-iskop fil-Knisja tal-Kattidral t'Għawdex, Monsinjur Carmelo Scicluna għamel tliet konferenzi fuq id-digrieti tal-Konċilju Vat. II fl-14, 15, u 16 ta' Marzu 1966. Is-suġġetti tal-konferenza kienu dawn:

(a) L-Apostolat tal-Lajċi;
(b) Il-Libertà Reliġjuża;
(c) Il-Madonna fid-dawl tal-Kostituzzjoni "Lumen Gentium".

Dawn il-konferenzi li għalihom attendew bosta fidili għalqu l-Ħamis, 17 ta' Marzu, 1966, bil-qokkliesa l-ġdida tal-Ġublew Straordinarju.

EŻERĊIZZI TAR-RANDAN

Popolari ħafna fost il-parruċċani tal-Knisja Kattidrali huma l-eżerċizzi tar-Randan li jibdew fir-Raba' Ħadd u jintemmu l-Ħadd ta' wara. Dawn l-eżerċizzi bdew isiru fis-sena 1957. Il-fundaturi ta' dawn l-eżerċizzi huma s-Sur Francesco Caruana u l-mara tiegħu Antonia li llum it-tnejn huma mejta. Isiru żewġ korsi ta' eżerċizzi; wieħed jibda fil-5.00 p.m. għan-nisa miżżewġa u l-ieħor jibda fis-7.45 p.m. għal irġiel miżżewġa. Il-preditkatur ta' din is-sena kien il-Wisq Rev. Patri Ugolino Gatt, Ph.D., Provinċjal tal-Patrijiet Agostinjani, li bil-kelma għarfa tiegħu wera bid-ċar lis-semmiegħa liema huma d-dmirijiet tagħhom biex ġurnata jaslu fil-belt tejn igħammar Alla nnifsu. Matul dawn l-eżerċizzi ta' kull sena ssir ġabra għas-Seminarju ta' l-Isqof. Il-ġabra ta' din is-sena laħqet il-fuq minn £54. Din il-ġabra turi li l-parruċċani tal-Knisja Kattidrali jifhmu d-dmir tagħhom li jgħinu bi flushom lil dawk li 'l quddiem għad jaħdmu għall-ġid spiritwali ta' pajjiżhom.

Tajjeb li tkun taf li:-

(a) Mill-Knisja Kattidrali nġabru £33 għall-Missjoni fit-tielet Ħadd ta' Ottubru; £273-3s. bħala għajnuna għall-vittmi tal-ġuħ fl-Indja u £54 għas-Seminarju t'Għawdex.

(b) Meta ssir il-Griżma ta' l-Isqof fil-Knisja Kattidrali, it-tfal jiġu mogħtija borża ħelu kull wieħed.

(c) Nhar Santa Marija jiġu mogħtija lill-foqra tar-Rabat xi flus imħollija mil-Legat Grima.

(d) Mill-kaxxa ta' quddiem l-istatwa grandjuża ta' Santa Marija tinġabar £1 kuljum ġid għal deni.

(e) Is-Sinjorina Ġużeppa Camenzuli mill-Belt Vittorja li mietet fit-23 ta' Novembru 1965, ħalliet fit-Testment tagħha £100 għat-tiżjin ta' l-istatwa ta' S. Marija Assunta meqjuma f'din il-Knisja Kattidrali.

(f) L-Ill.mu u Rev.mu Mons. Tarċisju Gatt mill-Belt Vittorja li miet fil-5 ta' Frar 1966, ħalla £200 fit-Testment tiegħu għall-istess skop kif ukoll kalċi tal-fidda li jiswa £100 lill-Knisja Kattidrali.

IL-ĦAJJA SAGRAMENTALI

Il-Ħajja Sagramentali hija ħolqa fil katina twila li tifforma l-ħajja pastorali ta' parroċċa. Il-Ħajja Sagramentali fil-Knisja Kattidrali qiegħda tikber mal-mixja tas-snin. Qabel is-sena 1956 il-ħajja Sagramentali f'din il-Knisja kienet kważi mietet għal kollox, u damet is-snin fuq is-sodda ta' l-agunija. Illum għall-grazzja t'Alla reġgħet ħadet ir-ruħ. Bosta huma l-magħmudijiet li jiġu amministrati f'din il-Knisja.

Hu maħsub li meta joħroġ ir-ritwal bil-Malti, dawn il-Magħmudijiet jibdew isiru x'ħin l-aktar ikun hemm nies fil-knisja ħalli s-Saċerdot li jamministra dan is-Sagrament ikollu l-okkażjoni jfisser lil dawk li jkunu preżenti x'inhi l-libsa l-bajda, x'inhi x-xema, għaliex jidlek il-tarbija biż-żejt u ħwejjeġ oħra bħal dawn u b'hekk il-poplu tagħna jifhem aħjar il-kruha tad-dnub kif ukoll is-sbuħija tal-grazzja.

ikompli pagna 4

OSTERMILK

L-Aqwa Halib

Ghat-Trabi

Il-Ħajja Pastorali fil-Kattidral t'Għawdex

jaqbad minn paġna 3

ŻWIĠIJIET

Is-Sagrament taż-Żwieġ ta' spiss jiġi amministrat fil-Knisja Kattidrali. Dawn iż-żwiġijiet x'aktarx isiru nhar ta' Ħadd fil-10.30 a.m. u minn xi daqqiet fil-għaxija wara l-funzjonijiet kollha li solfu jsiru. F'dawn iż-żwiġijiet qed jintuża r-rit il-ġdid tal-Ħajja li qegħdin jsiru interess u attenzjoni kbira. Matt li għalih il-ħidit qegħdin.

Bis-saħħa tal-Moviment ta' Kana l-għarajjes tad-Djoċesi kollha t'Għawdex qegħdin jiġu mħejjijin aħjar għal dan is-sagrament u jitħarrġu li dawn l-għarajjes ikomplu jaqtgħu u jieklu mill-frott bnin ta' din is-siġra providenzjali li tħawlet fi gżiritna f'Ottubru 1965.

IL-QRAR

Nistieq nagħmel xi suġġerimenti kostruttivi biex titjieb is-sistema tal-Qrar fil-Knisja Kattidrali. F'Għawdex kullħadd dara jqerr mela jrid u kif irid. Xi wħud jirrigħu kull jum u nagħlaqna jkollhom bżonn u jtellfu ħafna żmien lis-saċerdoti, waqt li oħrajn ma jersqux ħlief darba f'sena. Biex ikun hemm aktar kundizzjoni u frekwenza ta' dan is-Sagrament hemm bżonn ikun hemm ħin stabbilit nhar ta' Sibt u ġurnata oħra fil-ġimgħa bħal ma jsir f'pajjiżi barranin li fih is-saċerdoti kollha tal-parroċċa jkunu jqarru. Ħaġa oħra li hemm bżonn tinqata' fil-Knisja Kattidrali, hi, li fil-ħin tal-quddiesa ta' nhar tal-Ħadd ma jsirx qrar, la tar-rġiel u l-anqas tan-nisa. Mhux sewwa li fil-ħin li s-Saċerdot qed isemma' l-kelma t'Alla minn fuq l-Ambone, xi rġiel jaqbdu jidħlu fis-Sagristija biex jqerru, filwaqt li xi nisa jinsabu mqabbdin mal-grada tal-Konfessjunarju għall-istess skop. Bi ftit ta' ko-operazzjoni miż-żewġ naħat din il-ħaġa tista' tinqata' darba għal dejjem.

ĦAJJA LITURĠIKA

Il-Kostituzzjoni Liturġika l-ġdida tgħidilna: "Biex il-poplu nisrani jikseb aktar żgur il-ġid immens ta' grazzi li jinsab fil-Liturġija, Ommna l-Knisja Mqaddsa tistieq tagħmel riforma ġenerali ta' din il-Liturġija." F'Għawdex s'issa din ir-riforma litur-

ġika l-aktar li rajniha fil-Quddiesa. Mis-7 ta' Marzu 1965 f'Malta u f'Għawdex bdiet isseħħ l-Istruzzjoni maħruġa fl-aħħar ta' Settembru 1964 mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti li ġabet bidla kbira fir-rit tal-Quddiesa fuq kollox fl-ewwel parti tagħha għaliex dan ir-rit ġdid ta aktar importanza lil-Liturġija tal-Kelma li għaliha nħoloq "altar" ġdid li hu l-ambone. Fil-Knisja Kattidrali dan l-ambone żżanżan fil-festa tal-Milied li għaddiet. Dan l-ambone li hu tal-ġewż ġie maħdum minn Randu Camilleri fuq disinn tal-Kan. M'Anglu Apap mix-Xagħra. Fil-faċċata ta' dan l-ambone hemm miktub dawn il-kelmiet: "Nitgħallmu u Nemmnu". Kawża ta' din ir-riforma liturġika, il-quddies ta' nhar il-Ħadd, barra l-ewwel waħda ta' l-4.15 a.m., għadhom kollha bl-assistenza tad-Djaknu u tal-Lettur. Is-Saċerdoti li jagħmlu l-parti ta' Djakonu fil-quddies ta' nhar ta' Ħadd huma dawn: Dun Ġużepp Gauci fil-quddiesa tal-5.15 a.m.; Dun Franġisk Saliba fil-quddiesa tas-6.15 a.m., Mons. Carmelo Scicluna fil-Quddiesa tas-7.15 a.m.; il-Prof. Dun Ġwann Gauci S.Th.D., J.C.L. fil-quddiesa tat-8.00 a.m.; u Dun Ġorġ Tabone fil-quddiesa ta' l-10.30 a.m.

Minħabba din ir-riforma liturġika wkoll il-fidili fil-Knisja Kattidrali jersqu jitqarbnu bil-wieqfa fi proċissjoni ta' tnejn

tnejn. Kien hemm min qal li hu nuqqas ta' rispett tersaq lejn l-artal biex tirċievi lil Ġesù Ostja bil-wieqfa. Iżda dan mhux veru għax kif jistqarr S. Bażilju fil-qagħda ta' bil-wieqfa għandna nilmħu simbolu tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu u tagħna li bniedmin. U Tertuljanu jgħid ukoll li l-fidili m'għandhomx jkunu

tolbu għarkupptejhom f'jum il-Ħadd u fi żmien l-Għid. Drawwa oħra sabiħa li daħlet fil-Knisja Kattidrali hi dik tat-tqarbin b'żewġ speċi. Mela l-Isqof jamministra s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri u meta jkun hemm xi tieġ fil-Knisja Kattidrali, id-Djakni u s-Suddjakni kif ukoll il-miżżewġin friski jiġu mqarbnin bil-ġisem u d-demm ta' Ġesù Kristu. U sabiex dawn il-funzjonijiet liturġiċi tal-quddiesa jiġbdu aktar kulur, isiru aktar sbieħ u jibqgħu magħhom aktar ftit, in-nies li jinġabru f'din il-Knisja qed jitgħallmu xi ftit kant liturġiku. Jalla l-progress liturġiku fil-Knisja Kattidrali jibqa' miexi bl-istess ritmu li beda bih.

Sejjer tixtri Television?

Meta jekk ma tridx li jiddisappuntak ixtri Television Ġermaniż

"Schaub Lorenz"

(Including interference free for future colour telecasts)

Irrikmandat għand:-

C. XUEREB

20, Charity Street, Victoria, Gozo

Grajjiet Importanti fil-Knisja Kattidrali

MILL-15-8-65 SAL-15-8-66

Il-Madonna ta' Kana

Fis-26 ta' Settembru 1965 waslet f'Għawdex il-Madonna ta' Kana biex iżżur il-parroċċi kollha ta' gżiritna. Dawn iż-żjarat kienu xierag intemmu fil-Knisja Kattidrali. Kien l-14 ta' Ottubru, 1965 meta fil-5.00 p.m. telaq minn ħdejn il-"Banca Giuratale" pellegrinaġġ immexxi minn Mons. Carmelo Sciciuna, il-Vigarju Kurat, biex iwassal il-Madonna ta' Kana fil-Knisja Kattidrali bil-kant u bittalb tar-Rużarju. Wara d-daħla tal-Madonna fil-Knisja, id-Direttur tal-Moviment ta' Kana, Dun Charles Vella, qaddes quddiesa letta bl-assistenza tad-djaknu u lettur għall-bżonnijiet spiritwali u temporali tal-fidili kollha tal-parroċċa u fiha għamel diskors taċ-ċirkustanza. F'din l-okkażjoni saret ġabra għall-ispejjeż li ntefqu biex ġiet mgħammra bi strumenti moderni l-Klinika tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, li qed twettaq ħafna ġid fost l-għarajjes u l-miżżewġin friski Għawdxin.

Isqof Indjan

Kien il-21 ta' Diċembru 1965 meta fil-5.30 p.m. fil-Knisja Kattidrali qaddes l-Isqof Indjan, Mons. Tigga li kien assistit minn Mons. Carmelo Sciciuna u minn Mons. Alan Fenech S.Th.D. Għal din l-okkażjoni dan l-Isqof li għandu taħt idejh il-patrijiet Ġiżwiti Maltin li jaħdmu fl-Indja, għamel diskors fejn wera kemm huma kbar il-ħtiġijiet tal-missjoni fejn hu qed jaħdem. Huwa tkellem bl-Ingliż u għamilha ta' interpretu tiegħu Fr. M. Galea S.J. Il-ġabra li saret għall-missjoni ta' dan l-Isqof Indjan laħqet 'il fuq minn £12. Il-funzjoni ntemmet bit-Trina Benedizzjoni ta' dan l-Isqof li baqa' sodisfatt mis-sehem attiv li jieħdu l-fidili tal-Knisja Kattidrali fis-Sagrifiċċju tal-quddiesa.

Il-Kardinal Slipy

Kien l-ewwel ta' Novembru, 1965 festa tal-Qaddisin kollha, meta fis-7.00 p.m. wasal fil-Knisja Kattidrali t'Għawdex il-Kardinal li ġie maħlul mill-Komunisti, l-Eminenza Tiegħu Mons. Slipy. Huwa ġie milqugħ minn Mons. Carmelo Sciciuna, il-Vigarju Kurat. Wara dan il-Kardinal baqa' dieħel fil-knisja u minn fuq l-artal Maġġur għamel diskors sabiħ lill-eluf ta' nies li ngabru fil-Knisja Kattidrali biex jaraw lil dan il-Prinċep tal-Knisja li dwaru fil-gurnali kienu jaqraw bil-moħqrijiet li garrab minn taħt idejn il-Komunisti. Wara d-diskors tiegħu l-Kardinal Slipy qassam lil dawk kollha preżenti domni żgħar tal-Madonna bħala tifkira.

In-Nunzju Apostoliku

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI f'Diċembru tas-sena l-oħra ħatar lill-Mons. O'Connor bħala Nunzju Apostoliku għall-gżejjer Maltin. Għal din ir-raġuni fil-bidu ta' din is-sena, dan in-Nunzju l-ġdid għamel żjara lid-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. Kien il-5 ta' Frar 1966 meta Mons. O'Connor wasal fi gżiritna. F'din l-okkażjoni straordinarja huwa qaddes fil-Knisja Kattidrali quddiesa letta li fiha ġie mgħejjun minn Mons. Arċidjaknu u minn Mons. Arċipriet fil-preżenza ta' Mons. Isqof Ġużeppi Pace, S.Th.D., J.C.D., Ph.D., u tar-Rev.mu Kapitlu ta' l-istess Knisja. Wara l-quddiesa n-Nunzju għamel diskors li fih wera kemm baqa' mistagħġeb bil-fidi Kattolika ta' dawn il-gżejjer. Wara kollox in-Nunzju li kien akkumpanjat minn Mons. Dossena, kien il-mistieden għar-riċeviment mogħti lilu mir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Kattidrali.

ikompli fil-paġna 6.

Monsinjur Ġdid

Kien l-ewwel ta' Novembru, 1965 meta l-ex Kappillan tal-Munxar, Dun Alan Fenech S.Th.D. ħa bid-dritt tas-suċċessjoni l-pussess ta' Monsinjur Kaġinur tal-Mons. Teologu Lwiġi Galea. Għal din ir-raġuni l-libsa tal-Kolba Mqaddsa kull nhar ta' Ħadd bħalissa qed jilbisha Mons. Alan Fenech S.Th.D. Mons. Fenech li hu professur tal-Filosofija u tad-Dommatika fis-Seminarju Veskovili t'Għawdex kien l-ewwel Kappillan tal-Munxar fejn dam imexxi din il-parroċċa ġdida minn Marzu 1957 sa Novembru 1965. Fil-kariga ġdida lil Mons. Alan Fenech nixtiqulu "ad multos Annos".

SPEL 65

L-aqwa Washing Powder li tista' tixtri

Il-Pacciati ta' SPEL 65 jinbidlu ma' l-aqwa u l-irħas rigali għand:

EMANUEL BONELLO

10, FRA DIEGU STREET, MARSA

Branch: 7, Triq Santa Luċija, il-Belt

Ċemplu: 26452

www.gozocathedral.org

Grajjiet Importanti....

jaqbad minn pagna 5

"Monsinjur Ġdid"

Fil-5 ta' Frar 1966, ħalla dan il-wied ta' dmugħ Mons. Tarcisio Gatt li ta saħtu u ħajtu għall-ġid tal-Knisja Kattidrali. Għal din ir-raġuni, il-Mons. Carmelo Scicluna ħa l-pussess ta' Mons. effettiv tal-Knisja Kattidrali, fis-27 ta Frar 1966 li ta' Mons. Gatt kien ilu Kogitur mill-11 ta' April, 1965. Mons. C. Scicluna huwa t-tieni Vigarju-Koperatur tal-Knisja Kattidrali. Fil-preżent dan il-Monsinjur ħabrieki huwa wkoll il-Prokuratur tal-Knisja Kattidrali. Lill-Monsinjur il-ġdid, nixtiequlu "ad multos annos" biex jissokta jaħdem flimkien mar-Rev.mu Kapitlu għall-ġid tal-Knisja Kattidrali.

Konċelebrazzjoni

Id-data tad-29 ta' April, 1956, hija mnsuġa b'newl tad-deheb fl-istorja tal-Knisja Kattidrali. Dan il-jum ifakkar meta s-Soċjetà Filar. "Leone" tat b'xejn l-istatwa sabiħa u grandjuża ta' l-Assunta lill-Knisja Kattidrali. Għalhekk din is-sena ħabat l-għaxar anniversarju minn din il-ġrajja straordinarja. Biex ifakkar b'mod xieraq dan l-għaxar anniversarju, ir-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Kattidrali għamel Konċelebrazzjoni fid-29 ta' April, 1966. Għal din il-Konċelebrazzjoni, ġie mwaqqaf artal proviżorju kbir f'nofs il-presbiterju ta' l-artal il-Maġġur. Il-Konċelebranti kienu tlettax: tmienja Monsinjuri u ħamsa Kappillani tal-Kor. Din il-Konċelebrazzjoni li kienet l-ewwel waħda li saret fil-Knisja Kattidrali ġiet immexxija minn Mons. Arċidjaknu, Pawlu Cauchi li għamel id-diskors taċ-Ċirkostanza wara l-Vanġelu. Tassew kbir kien in-numru ta' fidili li attendew għal din il-Konċelebrazzjoni. Ta' min isemmi wkoll li f'din il-ġurnata fis-6.30 p.m. telaq pellegrinaġġ għall-Knisja Kattidrali mill-Każin tal-Banda "Leone" li ġie mmexxi mill-Kappillan tal-Banda, Mons. C. Scicluna. F'dan il-pellegrinaġġ ħadet sehem l-imsemmija banda billi daqqet innijiet Marjani flimkien ma' għadd kbir ta' membri tal-Każin. L-iskop ta' dan il-pellegrinaġġ kien li dawk kollha li ħadu sehem fih, iżuru l-Knisja Kattidrali biex jirbħu l-Indulġenza Plenarja tal-Ġublew Straordinarju. Għal din ir-raġuni fil-Konċelebrazzjoni saret il-quddiesa l-ġdida tal-Ġublew. Biex tifkira wkoll ta' dan l-għaxar anniversarju saret fondazzjoni perpetwa ġdida li bis-saħħa tagħha kull sena fid-29 ta' April ikun hemm fil-Kattidral quddiesa kull siegħa mit-tmienja sas-siegħa u quddiesa oħra fl-għaxija. Din il-festa straordinarja għalqet bil-kant tat-"Te Deum" u bit-Trina Benedizzjoni ta' Mons. Ġużeppi Pace, Isqof t'Għawdex S.Th.D., J.C.D., Ph.D.

Ordinazzjoni Saċerdotali

Fit-30 ta' April, 1966, saret fil-għodu fil-Knisja Kattidrali ordinazzjoni saċerdotali li fiha ġew ingħollijin għad-dinjità tas-Saċerdozju minn Mons. Isqof Ġius. Pace dawn id-djakni: Dun Anton Schembri mill-Belt Vittorja; Dun Salv Muscat u Dun Ġużepp Said, it-tnejn min-Nadur, u Dun Manwel Camilleri minn Sannat. Magħhom ġie ordnat Suddjaknu l-Kjeriku Fra Adeodato Schembri O.S.A., li jiġi ħu Dun Anton Schembri. Lil dawn is-Saċerdoti ġodda li saru qassisin għad-dell ta' l-Assunta, nixtiequlhom apostolat fejjiedi fost il-fidili tal-parroċċa tagħhom.

ikompli pagna 8

£2,000

Biex jintrebħu fil-Lotterija ta'

FARSONS

Inax-il tapp jagħtukom biljett.

Birrer, Kinnie, Mission Cola, Schewpes.

Data ta' l-egħluq:
27 ta' Awissu, 1966

Data tal-ħruġ:
11 ta' Settembru, 1966

Tridu li t-Toffees u c-Cikkulati li tieklu jaghmlulkom il-Gid u jaghtukom is-Sahha?

FITTXU DEJJEM

Prodotti 'MACKINTOSH'

Francis Abela & Sons

876, ST. JOSEPH ROAD, BLATA L-BAJDA, HAMRUN

- Argentatura u indoratura ta' xogħol qadim tar-ram għall-knejjes u djar.
- Plating tan-nickel u chromium ta' kull xogħol qadim.
- Kull xogħol ġdid tar-ram jew bronż għall-knejjes bħall-gandlieri tal-liturġija l-ġdida, gandlieri ta' kull daqs u għamla, tabernakli, eċċ.
- Xogħol ġdid għad-djar bħal ma huma ittri tal-bronż bħal numri, bibien, letters, eċċ.

Il-Kwadru ta' l-Assunta fil-Kattidral t'Għawdex

jagħlaq minn paġna 1

la Magri. Il-fatt li ma sibna l-ebda ħjiel tat-twelid jew taż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu juri li huma kienu mill-Gżira ta' Malta.

Michele studja l-pittura gewwa Ruma u rebaħ il-premju ta' l-Akkademja ta' San Luqa. Il-Kanonku Vincenzo Caruana dei Conti Gatto jgħidilna li Michele Busuttil waqqaf mill-ġdid l-istudju ta', "il nudo" f'Malta, u kien eċċellenti fid-disinn. Għalhekk, wara li l-Maltin qegħdu l-Gżejjer tagħhom taħt il-ħarsien ta' l-Ingilterra fl-1814, il-Kanonku Francesco Saverio Caruana, li kien Rettur ta' l-Università ta' Malta u li wara saru Isqof tad-Djoċesi, ħatar lil Michele Busuttil bħala professur ta' l-arti.

Michele Busuttil ma jintesiex mhux biss minħabba tax-xogħlijiet sbieħ tal-pittura li ħallielna. Kellu jkun ukoll missier Salvatore, pittur ieħor u miniaturista msemmi u mfaħħar bil-bosta gewwa Ruma, fejn miet fl-1854, wara li pitter il-kwadru titulari tal-parroċċa ta' Kerċem, Għawdex.

Il-kwadru ta' l-Assunta fil-Knisja Kattidrali ta' Għawdex huwa magħdud bħala wieħed mill-isbaħ xogħlijiet ta' Michele Busuttil. Il-figuri ewlenin ta' dan il-kwadru huma tlieta, u l-ewwel waħda fost hom hija l-Verġni Mbierka tiela' s-Sema, imdawra bl-anġli, wara s-raqda tagħha fl-art.

Jekk inħarsu sewwa lejn din il-figura, il-wiċċ tal-Madonna jolqotna. Huwa wiċċ kollu hena ta' igawdija, wiċċ bajdani ħemm jista' jkun, li jaqta' iż-jed fuq l-ikħal tal-mantell, imrajjar u għani fil-ksur tiegħu, bid-dwal u d-dellijiet li biħom Michele għaraf iżejnu.

Hawnhekk ma nistax naqbeż barra dak l-Anġlu li hil-holqien tiegħu fuq it-tila, għandu iżjed mill-ħajja tassew milli din ta' l-art, li jagħmilha sabiex jiġbru sehem f'daqqa xogħol li kellu l-mistejqa jagħmel. Waqt li qiegħed iżomm il-Verġni, dan l-anġlu fih seħer, mhux biss fil-wiċċ u fl-għajnejn li jkellmuk bit-tbissima tagħhom, imma wkoll fil-lewn tila mejjet, li bih milibbes, lewn li donnu mgħotti bi ċpar, li jagħtina ħjiel li hu u l-ħlejjaq sbieħ huma ta' dinja oħra. Il-grazzja tal-qagħda tiegħu żżid iżżejjen lil din il-figura li timla bi ġmielha n-naħa tal-lemin ta' fuq tal-kwadru.

It-tieni taqsima tal-kwadru torri l-Appostli, imdawrin ma' qabar il-Verġni, kollha jħarsu 'l fuq, b'espressjonijiet u qagħdiet, waħda mhux bħal oħra. Għalkemm hawnhekk naraw ħdax l-appostlu u gol-geografija, marsina flimkien, nistgħu nilmħu wkoll lil San Ġwann Evanġelista b'idu l-leminija mil-ruxa fuq sidru, tnejn huma l-Appostli li jiġbdulna għajnejna, u għal dan ikellimna l-istorja ta' pajjiżna. Dawn il-figuri huma ta' San Pietru u San Pawl, għalkemm dan ta' l-aħħar ma kienx preżenti ħdejn il-qabar tal-Verġni waqt it-tlugħ tagħha fis-sema.

Mela x'kien li Michele Busuttil daħħal lil San Pawl f'dan il-kwadru? It-tweġiba jagħtihielna Monsinjur Dekan Giuseppe Farrugia (1852-1925), li kiteb tiegħu "San Paolo Apostolo e Padre dei Gozitani" mitbugħ fil-1915.

Dan igħidilna: "Il-kwadru titulari qadim tal-Knisja Matriċi kien imsawwar minn sebgħa kwadri fuq l-injam, it-tlieta minnhom, dawk ta' taħt, ta' kobor mhux ħażin, kienu jirrappreżentaw il-Verġni Mbierka bil-Bambin, u l-Appostli Pietru u Pawlu fuq il-ġnub. Għalhekk nesta, ixjeħ minna, billi kienu jafu li f'Malta kellhom il-Kattidral tagħhom ta' San Pawl, ma naqsux jaraw b'ħabbhom speċjali lejn l-Appostlu Missier, billi tawh ġieħ ewlieni fl-ikbar knisja tagħhom imma għamluh bħala kontitulari. U dan l-għemil ta' devozzjoni nazzjonali huma riedu li jibqa' ħaj fit-tila li ħadet il-post ta' dik il-qadima. U f'din it-tila, li tirrappreżenta l-Assunzjoni, il-figuri tal-qaddisin Pietru u Pawlu, impittra wieħed kull naħa, fl-pjan t'isfel, huma mpittra bil-irqaqat kollha u maqlugħin, waqt li l-figuri ta' l-Appostli l-oħra fit-tieni pjan huma vagi u donnhom t'għaqda waħda". Monsinjur Farrugia, iben din il-belt li kien imżejjen b'għerf mhux komuni, iżsirilna dar għaliex Michele Busuttil pitter il-figura ta' San Pawl f'dan il-kwadru titulari.

Fuq in-naħa tax-xellug, kif inħarsu, San Pawl qiegħed minn ta' quddiem, imiss ma' xifer il-qabar, liebes mantell aħmar fuq libsa ħadranija. B'għajnejh imsammra fuq id-dehra tal-Verġni, b'idu l-leminija mifluħa, il-figura ta' l-Appostlu hija kbira biżżejjed sabiex issaħħaħ il-fikra li ried ikun San Pawl li aħna ngħajna l-Fidi ta' Kristu. U ħdejn riġlu insibu targa tal-qabar, fil-maniku ma' l-art, jidher is-sejf li għal waqt San Pawl telaq mogħtu, imsaħħar bid-dehra. Hekk ukoll għamel San Pietru li, milqut bl-istess dehra, rema d-dwievet minn idu, u r-rigġ is-sejf ta' San Pawl ma' l-art.

San Pietru, b'mantell safrani fuq libsa li tagħti fl-ikħal ħadrani bid-daqqa t'għajn sabiħa. Dan l-Appostlu mhux tmiss għal kollox bil-ħwejjeġ kif inħu San Pawl, u għalhekk missgħu naw mhux biss ix-xjuħija, bi ftit xagħar madwar rasu, b'għajnejh imbexxqa aktar bid-dija tad-dehra, imma wkoll l-għadam ta' l-għonq u l-ispalla x-xellugija. F'din il-figura nieħdu ħjiel tat-tendenza ta' Michele Busuttil li jpitter il-laħam u l-għadam. Ma nnsewx li dan il-kwadru huwa fuq kollox studju ta' ġmiel, ta' ksur ilħwejjeġ li jinħolqu mill-istess dawl li fih tgħammar il-Verġni u mill-istess dellijiet li jinwieldu mill-istess dawl.

F'dak il-ward fuq xifer il-qabar tal-Madonna, li jissemmi ilfwiħa ta' ġuħ l-akbar Qaddisa meta kienet rieqda u issa li tiela' s-Sema, dawk l-erba' wardiet, għalkemm imgeżwrin fi lwien skuri, qatt ma' jitbiddlu, għalina dejjem jibqgħu friski, werqathom jibqgħu dejjem ħadrin, mhux biss għaliex aħna, bħal missna ta' dari, qatt ma qtajna mhux lil Sidtna Marija u għexna t-twemmin sħiħ tagħhom fil-tlugħ tagħha s-Sema, kif rabed l-istorja ta' l-ewwel ta' artna, mhux biss għaliex dawn il-wardiet jinsabu fil-Kwadru titulari tal-Kattidral tagħna, li huwa merħla tat-twemmin ta' missirijietna: il-Gżira f'dak kollu li qal u għamel San Pawl, imma għaliex ukoll dawk il-wardiet jitfgħu u sbieħu f'idejn il-pittur Michele Busuttil.

Min jaf, waqt li jlejjel tiegħu tlet snin wara li pitturhom, kemm tahom sbieħ, kemm rahom friski dominhom għadhom fra l-mewt ma tneda fina tal-Bmiesta t'Awissu, waqt li hu u għawdxin Għawdxija taw qalbhom u roħhom lil Santa Marija.

Walter Tabone

101, St. Christopher Street, Valletta

Phone C. 27945

Finest crystal Chandeliers for Churches a speciality. Glass-Houses, Metal or Timber all types.

Għal kull kwalita' ta' Xama'

Itolbu dejjem għax-Xama'

TA' L-ANĠLU

tal-magħrufa Ditta

Louis Bartoli & Sons

1830

18, Strada Sant'Andrea,

Victoria, Gozo

Trid tkun zgur minn Flusek u li jaghtuk imghax kbir

investihom fin-

NATIONAL BANK OF MALTA

GOZO TRAVEL

Bl-Ajru jew bil-Baħar, għal kull parti tad-Dinja

John Portelli Enterprises

114, Racecourse Street, Victoria, Gozo

Tel. 76333

Grajjiet Importanti....

jaqbad minn pagna 6

Kwaranturi Solenni

Mis-sena l-oħra l-kwaranturi fil-Knisja Kattidrali bdew isiru fit-tlit sijiem ta' fuq Lapsi. Minn dak inhar 'l hawn il-Kwaranturi ħadu xejra ġdida billi l-ġranet ikunu twal u x' aktarx sajfija. Il-lejl bejn is-Sibt u l-Ħadd ta' dawn il-Kwaranturi jkun lejl ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija espost solennement fil-Ġilandra. Dan il-lejl ta' talb li fih ħadu sehem folol kbar ta' nies minn kull rokna ta' gżiritna Għawdxija, u li ġie mmexxi mis-Saċ. Rużarju Borg fetaħ bil-Velja Biblika mmexxija minn Mons. Carmelo Scicluna. L-aħħar ġurnata tal-Kwaranturi fil-għaxija saret quddiesa pontifikali "ad reponendum" minn Mons. Isqof li għaliha l-Kattidral kien mimli bin-nies. Iżda l-qofol tal-Kwaranturi Mqaddsa kien il-purċissjoni ewkaristika li ssir mat-triqat prinċipali tar-Rabat. Din il-purċissjoni li ġiet immexxija minn Mons. Arċidjaknu, ħadu sehem fiha r-Rev.mu Kapitlu tal-Knisja Kattidrali, il-kleru tar-Rabat, il-Patrijiet Agostinjani, Franġiskani u Kappuċċini, is-seminaristi kollha, is-Sorijiet Franġiskani, Dumnikani, Salezjani u tal-Karità, l-għaqdiet reliġjużi kollha taż-żewġ parroċċi tar-Rabat flimkien mal-membri u l-bandisti tal-Banda Fil. "Il-Leone". Il-Kwaranturi Mqaddsa għalqu bil-kant tat-Te Deum u bit-Trina Benedizzjoni minn Mons. Isqof Gius. Pace. Din is-sena fil-festa tal-Kwaranturi żżanżnet pjaneta ġdida tal-lama safra ta' stil gotiku li ġiet irregalata minn Carmelo Grech ta' l-Amerika.

ITTRA TAL-QDUSIJA TIEGHU L-PAPA

jaqbad minn pagna 1

ligion, u rabtet b'akbar imħabba l-qlub ma' dan iċ-Centru ta' l-għaqda. Dawn il-kwejjes aħna mhux biss nafuhom mill-ittri tiegħek, imma wkoll mill-Mexxejja tad-Djoċesi li Aħna rċevejna u dejjem li fuqhom aħna staqsejna b'imħabba ta' missier kull ġid u mir-rigali u mid-doni li bihom dan il-poplu rieda jagħtina xhieda tal-ħajr ta' qalbu. Tassew aħna lqajna bil-ferħ dawn il-wirjiet ta' mħabba u ta' radd ta' ħajr u waqt li nirringrazzjaw lil Sidna Alla ta' din l-opra li bdiet tajjeb, nitolbuh li ssokta jkabbar fejda biex tagħti dejjem aktar fejjieda u biex jagħti lilek u lid-Djoċesi kollha grazzi l-aktar kotrana. Bħala xhieda u rabta ta' din ir-rieda tajba tagħna, aħna minn qalbna nagħtu lilek, lill-Kleru kollu u lill-poplu tiegħek il-Barka Apostolika.

Mogħtija minn S. Pietru f'Ruma nhar l-ewwel ta' Lulju fis-sena 20 tal-Pontifikat tagħna.

Papa Piju IX.

jaqbad minn pagna 1

debitas Deo gratias egimus de re tam prospere inchoata, cum gavimus ut largiore semper benedictione opus suum foecunde copiosissimamque Tibi et Dioecesi Tuae gratiam largiatur. Hujus vero auspicem et praecipuae benevolentiae Nostrae testem Tibi universoque Clero et populo Tuo Benedictionem Apostolicam peramanter impertimus.

Datum Romae apud S. Petrum die 1. Julii 1865, Pontificatus Nostri anno XX.

Pius PP. IX

(exterius) Venerabili Fratri
Michaeli Francisco Episcopo Gaudisiensi.

DORIS JEWELLERY

41, St. Andrew Street,

AND

79, Vajringa Street,

- Victoria -

All kinds of Fancy Jewellery in Silver Gold & Diamond, Silverware, Watches Chalices and other Articles For Religious Service

L-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof

Kienet is-sena 1956 meta fil-Kattidral t'Għawdex reġgħet bdiet issir l-ewwel Tqarbina tat-tfal kif ukoll il-Griżma ta' l-Isqof. L-aħħar darba li saret il-Griżma ta' l-Isqof fil-Knisja Kattidrali kien fi żmien l-Isqof Cannaves fis-sena 1721. Din is-sena bħal kull sena oħra, l-ewwel Tqarbina u l-Griżma tat-tfal saru nhar l-Erbgħa ta' fuq l-Għid il-Ħamsin. Kemm għall-ewwel Tqarbina kif ukoll għall-Griżma ta' l-Isqof kien hemm numru sabiħ ta' tfal. Matul iċ-ċerimonja tal-Griżma ta' l-Isqof, Dun Ġorġ Tabone għamel minn fuq il-microphone bosta kummenti sbieħ bil-Malti li taw tifsira tajba ta' dak kollu li kien qed isir minn Mons. Isqof. Lit-tfal kollha li għamlu l-Griżma ta' l-Isqof oħas-soltu ġew mogħtija borza ħelu kull wieħed minn idejn Mons. Isqof.

ikompli fil-pagna 9

Servis Washing Machines
the only machines
guaranteed for 2 years

Zanussi Refrigerators
the best value
for your money

Fergusion Television
for clearer picture

Distributors in Malta:
Petroni's

Distributors in Gozo:
Grech Central Store

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI.....

jaqbad minn paġna 8

L-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Anton Schembri

Kien il-12 ta' Ġunju ta' din is-sena meta Dun Anton Schembri għamel il-festa ta' l-ewwel Quddiesa Solenni Tiegħu fil-Knisja Kattidrali. Dun Anton Schembri twieled il-Belt Victoria. L-istudji kollha, barra dawk elementari, għamilhom fis-Seminarju ta' l-Isqof. Dun Anton Schembri huwa magħruf ħafna fost iż-żgħażagħ u t-tfal ta' l-Oratorju Dun Bosco li fost-hom nistiequlu apostolat l-aktar fejjiedi.

Pellegrinaġġi tal-Ġublew Straordinarju

F'għeluq il-Konċilju Ekumeniku Vatikan it-tieni, fit-8 ta' Diċembru 1965, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI ħabbar Ġublew Straordinarju. Bosta huma l-Indulġenzi Plenarji li wieħed jista' jiseb matul dan il-Ġublew li se jagħlaq fit-8 ta' Diċembru 1966. Waħda minn dawn l-Indulġenzi tista' tintrebaħ taħt din il-kundizzjoni: min jagħmel viżta lil Ġesù Ewkaristija fil-Knisja Kattidrali u fiha jġedded il-professjoni tal-fidi. Din l-indulġenza tintrebaħ darba biss. Fil-8 ta' Ġunju, 1966, it-tfal ta' l-Oratorju Don Bosco ingħaqdu f'pellegrinaġġ u marru l-Kattidral fejn wara li semgħu l-quddiesa tal-Ġublew iċċelebrata mid-Direttur tagħhom Mons. Carmelo Scicluna, għamlu żjara lil Ġesù Ewkaristija u att ta' fidi billi rreċitaw il-Kredu tal-Quddiesa ħalli jiksbu l-Indulgenza Plenarja. Pellegrinaġġi oħra bħal dawn saru minn nies ta' S. Luċija, immexxijin mir-Rettur tagħhom, Dun Anton Grima, mill-membri tal-Legion of Mary immexxijin minn Dun Bert Cumm, mill-membri ta' l-Azzjoni Kattolika mmexxijin minn Dun Nikol Cauchi Ph.D., it-tfal bniet tas-St. Mary's Grammar School, u kif ġà għedna f'dan il-ġurnal mill-membri tal-Banda "Leone". Nittamaw li l-Arċipreti u l-Kappillani kollha t'Għawdex jagħmlu pellegrinaġġi bħal dawn bil-fidili tagħhom ħalli huma wkoll jiksbu din l-Indulġenza Plenarja ta' dan il-Ġublew Straordinarju.

INSEWWU L-IZBALJI

Fil-ktejjeb "Il-Kattidral Ta' l-Assunta" li ħriġt is-sena l-oħra qabżulna xi żbalji, għalhekk meħtieġ din l-okkażjoni biex insewwihom.

Page 18:
1791: Il-Kanonku Benedetto Stellini jordna l-kwadri laterali ta' San Publiju u Sant' Agata, il-qodma u mhux il Madonna. Dawk li hemm illum huma tal-Madonna imma ġew ordnati ftit aktar tard.

Page 19: Il-Papa S. Piju X jikkonferma l-użu tal-mitra u t-titlu ta' Monsinjuri lill-Kapitlu Kattidrali. Għalhekk il-verb "jagħti" għandu jitneħħa.

Page 21: Hyaler pinġa l-kwadru ta' S. Ursola għaliex l-erba' lunetti li jirrappreżentaw lil Debora, Ġuditta, Gaele u Ester ipinġew minn Cortis.

Page 21: S. Piju X jagħti lill-Kapitlu ġummiena ħamra fil-berrettin u jikkonferma l-użu tal-mitra. Il-verb "jikkonferma" ġie maqbuż mill-istampa.

Mons. Carmelo Scicluna

X'INHU L-AUROFAC?

L-Aurofac huwa medicina, jew aħjar sustanza, f'għamla ta' trab fin ħafna kannella car li għandu jiġi miżjud u mħallat ma' l-għalf ta' l-annimali.

X'EFFETT GHANDU L-AUROFAC?

L-Aurofac għandu fih il-medicina "Aureomycin" li għandha s-saħħa trażżan kull xorta ta' mikrobi li jattakkaw l-annimali u għaldaqstant l-Aurofac igħin b'mod ta' l-għaġeb biex inaqqas il-mard mill-annimali. Barra minn hekk l-Aurofac għandu Vitamin B 12 li tagħti s-saħħa u li ttejjeb il-produzzjoni ta' l-annimali, sew jekk dawn ikunu tjur tal-bajd jew għal laħam, majjali, jew baqar tal-ħalib.

LOTTERIJA TA' L-AUROFAC TA' £40

Fil-Lotterija ta' l-Aurofac ser jingħataw erbgħin lira mqassmin f'żewġ premjijiet ta' għoxrin lira l-wieħed. Premju għal dawk li jużaw l-Aurofac f'Malta u premju għal dawk li jużaw l-Aurofac f'Għawdex.

MA JKUNX "AUROFAC" JEKK MA JAGHTIKOMX KUPUN GHAL KULL "KWART" AUROFAC LI TIXTRU

Aġent waħdani:

C. de Giorgio

39 - 40, South Street, Il-Belt.

ZANZIN TA' BOSTA OPRI FIL-KNISJA KATTIDRALI TA' GHAWDEX

OPRA TAL-BRADELLA U TAL-BANKUN

Opra [illegible] is-sena [illegible] kollox, hija l-bradella u l-bankun li [illegible] l-istatwa [illegible] ta' l-Assunta fil-jiem tal-festa. Din hi opra ta' [illegible] [illegible] Knisja Kattidrali f'dawn il-jiem. Il-bankun li għandha [illegible] kull min jżur il-Knisja Kattidrali f'dawn il-jiem. Il-bankun [illegible] xogħol [illegible] u dekorat b'erba' episodji mill-ħajja tal-Madonna: (a) il-Madonna [illegible] ta' Kana, (b) il-Mewt tal-Madonna, (c) il-Madonna [illegible] il-Għid il-Ħamsin; u (d) il-Madonna [illegible]. Dawn l-erba' "panels" [illegible] fuq kull faċċata tal-bankun. F'kull kantuniera [illegible] xogħol tal-bronż [illegible] [illegible] [illegible] [illegible] [illegible] Dawn l-istatwi huma [illegible] (i) Debora, (ii) Guditta, (iii) Ester u (iv) [illegible]. Din il-bradella u l-bankun [illegible] xogħol ta' skultura [illegible] fuq il-ġewż. Ix-xogħol ta' l-injam ġie maħdum bi preċiżjoni f'Għawdex għand id-ditta "Pascal's Woodworks" fuq id-disinn tas-Sur [illegible] ta' Tas-Sliema. Ix-xogħol tal-bronż ġie maħdum f'Malta għand id-ditta F. Abela and Sons tal-[illegible] fuq il-forom oriġinali maħdumin mill-im[illegible] dekoratur u [illegible].

KAPPELLA TAR-RHAM

Kull min iżur il-Knisja Kattidrali [illegible] mill-ewwel bil-Kappella tar-rħam u bis-saqaf tagħha dekorat bil-[illegible] u bid-deheb. Din il-kappella li tinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja isservi ta' niċċa li fiha [illegible] l-istatwa grandjuża ta' l-Assunta matul is-sena. L-irħam ġie [illegible] mill-iskultur Malti, Ġużè Galea tar-Rabat, Malta, wara li d-disinn u x-xogħol tal-Pasta [illegible] ukoll id-dekorazzjonijiet kollha tas-saqaf ġew magħmula mill-artista [illegible] Għawdxi Alfred Camilleri. Il-benefatturi waħdanin ta' din l-opra [illegible] fil-Kattidral [illegible] s-Sur Mikiel Debrincat u l-familja tiegħu flimkien mas-Sur Louis [illegible] u l-familja tiegħu. Dawn iż-żewġ familji jinsabu t-tnejn Detroit, l-Amerika.

L-OPRA TAL-LINEF

L-opra tal-linef tal-Kristall [illegible] ta. B'din il-[illegible] u oħra bħala li [illegible] fis-sbuħija tal-Knisja, [illegible] l-għadd tal-linef [illegible] l-istess disinn tas-Sur Ġużè Galea tar-Rabat, Malta, huwa għaxra. Dawn il-linef [illegible] huma 14 il-pied għoljin, [illegible] [illegible] Kull waħda fiha 86 lampa. Ta' [illegible] l-benefattur tal-linef huwa l-[illegible] Gatt, mir-Rabat Għawdex. Dawn il-linef [illegible] ordnati għand id-ditta Walter Tabone & [illegible] tal-Belt Valletta u maħdumin fi Munich, [illegible] Germanja. Ġew mibnija u [illegible] fil-Knisja b'sengħa ta' l-għaġeb mill-elettriċista Għawdxi, is-Sur Amleto Manpaino.

BUQAR U ŻEWĠ BAĊILI TAL-FIDDA

Fis-sena 1962, il-familja Agius ta' Marsah [illegible] ir-Rabat Għawdex, kienet irregalat lill-Knisja Kattidrali, buqar u baċil tal-fidda maħdumin Ruma għand il-magħruf Arġentier [illegible] del [illegible]chio. Biex tkompli din l-opra f'din is-sena, il-familja Agius [illegible] regala wkoll baċil ieħor tal-fidda maħdum ukoll għand l-istess arġentier. Din l-opra sabiħa matul il-jiem tal-festa [illegible] il-grandezza għal min irid jammiraha.

Stampat fl-"Orphans' Press", Għajnsielem, Għawdex